**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI**
**HAL LIJA**
**TEL NO : 21416111 FAX : 21416941**

# MINUTI
# Laqgħa urġenti tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

## Laqgħa Nru. 52/2016

Data: 15 ta' Settembru 2016

Hin: 5:00 ta' filgħaxija

Post: Bini tal-Kunsill Lokali

---

Preżenti: ***Magda Magri Naudi*** – *Sindku*
***Massimo Scerri*** – *Kunsillier*
***Dr. Marc Sant*** – *Kunsillier*
***Stephanie Cutajar*** - Viċi Sindku
***Lorrianne Farrugia*** - *Kunsillier*

***Georgette Borg*** – *Segretarju Eżekuttiv*

Skużati: Ħadd

Assenti: Ħadd

---

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;
2. Punti mqajma mill-Minuti;
3. Komunikazzjoni mis-Sindku;
4. Korrispondenza;
5. VIP List
6. Affarijiet Oħra
7. Approvazzjoni tal-Pagamenti u Skeda tal-Petty Cash
8. Aġġornament.

**Minuti -** ***52/*****2016**

1. QARI U APPROVAZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-laqgħa bdiet fil-17.45p.m. b'introduzjoni mis-Sindku fejn stiednet lill-Kunsilliera biex jagħmlu il-korrezjonijiet tagħhom għall-minuti nr 50 bid-data ta' 11 ta' Awwissu 2016 u nr 51 bid-data ta' 29 t'Awwissu 2016.

1.2 Fuq proposta tas-Sur Massimo Scerri sekondat mis-Sur Dr. Marc Sant minuti nr 51 u 52 ġew approvati unanimament.

2. PUNTI MQAJMA MILL-MINUTI

2.1 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant staqsa fuq il-pruning tas-siġar tal-University Residence u anke fuq l-istorbju ta' l-istudenti u n-nies li jiġu l-University Residence.

2.2 Is-Segretarju nfurmat li kienet tkelmet mas-Sur Schinas tal-University Residence u fuq l-istorbju huwa qal li m'għandhomx daqshekk kontroll la fuq in-nies li jużaw il-Univeristy Residence u l-anqas fuq l-istorbju.

2.3 Is-Segretarju nfurmat li tkelmet ukoll fuq l-isprall tal-bankina ħdejn il-Kunsill u anke fuq iż-żbir tas-siġar minn fuq iċ-ċnut. Dan ix-xogħol sar pero, is-sur Schinas qed jinsisti li nwaħlu tabelli biex ma jitilgħux karozzi fuq il-bankina meta s-Segretarju anke qalet li l-vann tal-laundry tagħhom stess ikun ipparkjat fuq il-bankina.

2.4 Is-Segretarju nfurmat ukoll li kienet kelmitu ukoll biex isir żbir tas-siġar ta' wara. Għandha ssir reminder biex ix-xogħol fuq iż-żbir tas-siġar isir.

2.5 Fuq l-għalqa ta' quddiem l-iskola fejn ikun hemm l-ilma qiegħed u anke nemus, s-Segretarju għandha titkellem mal-Blokrete peress li l-University Residence m'għandhomx x'jaqsmu ma' din l-għalqa.

2.6 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkellmet fuq il-ħin li l-Waste Collection ġabar bhala *garbage collection* ġo Ħal Lija fid-9 t'Awwissu u anke fit-8 ta' Settembru 2016. F'dawn il-jumejn il-ġbir sar kmieni bil-konsegwenza li tħallew boroż u ma nġabrux. Dan meta l-kuntrattur iċċarġjana darbtejn meta l-Kunsill talab biex jinġabar kmieni.

2.7 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi ssuġerit li terġa tingħata Default Notice lill-Kuntrattur tal-Waste Collection minħabba l-performance ħazin tas-servizz.

2.8 Il-Kunsilliera qablu unanimament.

2.9 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkelmet fuq 4.2 tal-Minuti fejn tat update fuq il-proġett tal-Housing Estate.

2.10 Hija qalet li kellha titkellem mal-Leaders ta' l-erba blokok. Dawn l-*administrators* kelhom jiġbru l-firem tar-residenti tal-blokka tagħhom. Għandu jiġi kkuntatjat wieħed mill-*administrators* għax inbidel.

2.11 Il-proġett jitkompla meta jinġabru l-firem kollha ta' l-erba blokok.

2.12 Hija ltaqgħet ma' xi wħud mill-*administrator*s fejn dawn taw is-suġġerimenti tagħhom biex jitresqu lill-Kunsill u lill-Housing Authority.

2.13 Kien hemm xi affarijiet li ma jaqawx taħt l-iskema imma l-Housing Authority ma sabitx oġġezjoni li dawn jitwetqu bħal per eżempju li kull appartament ikollu isem peress li kien qed ikun hemm diffikulta fuq it-tqassim tal-posta.

2.14 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia, nfurmat li l-Housing infurmaha li meta jinġabru l-firem kollha bil-lista tal-manutenzjoni meħtieġa, dawn għandhom jintbagħtu u l-Housing javżaw il-*way forward*.

2.15 Is-Sinjorina Farrugia nfurmat li rigward pagamenti, il-*block administrators* ta' kull blokka jridu jippreżentaw l-irċevuti fiskali lil Housing Authority u jew isir pagament wieħed ta' €5,000 jew inkella żewġ pagamenti ta' €2500 u €2500.

2.16 Irid jiġi ffirmat il-Kuntratt bejn il-Kunsill u l-Housing Authority.

2.17 Is-Sinjorina Farrugia ser tistenna sa l-aħħar tax-xahar u tagħmel follow up.

2.18 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar tkelmet fuq 2.4 tal-Minuti fejn qalet li hija flimkien ma' l-Ambaxxatriċi taż-żgħażagħ kelhom laqgħa mal-MEUSAC fuq l-Erasmus fis-6 ta' Settembru 2016.

2.19 Hija qalet li ser tiġi organizzata laqgħa f'Ottubru maż-żagħżagħ biex naraw min hu nteressat li jieħu sehem f'dan il-proġett li d-deadline tiegħu huwa sa Frar 2017. Wara din il-laqgħa għandha ssir laqgħa oħra f'Diċembru u għandha tintalab minimal fee mingħand il-parteċipanti u nikkonkludu.

2.20 L-eta' tal-parteċipanti trid tkun bejn it-tlettax il-sena u tletin sena. Għal dawk li huma taħt it-18 il-sena trid tinġieb il-kunsens mingħand il-ġenituri. Għandu jkun hemm mhux inqas minn tmin parteċipanti u din l-attivita ser issir għal ħabta ta' Ġunju meta tispiċċa l-iskola u l-eżamijiet. L-attivitajiet ser ikunu 'outdoors'.

2.21 *Request* fi Triq N. Cottoner. Dan ir-request diġa ġie diskuss fil-laqgħa li għaddiet pero ma ttieħditx deċiżjoni ċara. Xi resident tkellem mas-sindku u għamel request biex fi Triq N.Cottoner jiċkienu l-kaxxi s-

sofor quddiem garaxx 45 u garaxx 51. Dan għaliex dawn il-kaxxi s-sofor huma kbar ħafna u jistgħu jiċkienu ftit biex b'hekk jkunu jistgħu jiżdiedu 2 parking spaces oħra. Iżda r-residenta li toqgħod fi dar 47, il-garaxx tagħha 45, ma tridx hekk għax inkella ma tkunx tista tidħol sew fil-kaxxa s-safra tagħha. Il-ħaddiema tal-kunsill diġa marru *on site* u qalu li huwa possibli jiċkienu dawn il-kaxxi s-sofor biex jiżdiedu żewġ parkings bojod oħra. Provaw anke bosta drabi jħabtu lil din ir-residenta ta' dar 47 biex ikelmuha ħalli jaraw x'inhi l-problema u għalfejn qed tgħid li kieku tiċkien ftit il-kaxxa safra ma tidħolx. Anke ħabtu lir-residenta li għandha l-garaxx 51 minkejja li kieku tiċkien il-kaxxa taffetwaha imma ħadd ma weġibhom lanqas.

2.22 Wara li l-kunsill iddiskuta din ir-request, huwa qabel li rridu mmorru 'on site' biex niċċekjaw eżatt x'qed jintalab. Għandna ukoll nitkellmu mar-residenta li ma tixtieqx li jsir dan.

2.23 Is-Segretarju, ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill nominazzjoni ta' Deputat Segretarju tal-Kunsill għal Kunsill ta' Ħal Lija. Dan wara li l-ANSEK informa li temporanjament l-kunsill irid jinnomima lil xi ħadd biex ikun konformi mal-liġi. Hija qrat din il-korrispondenza lill-kunsill. Dan sakemm ikun hemm iktar ċarezza fuq din l-interpretazjoni.

2.24 Il-Kunsill kien jaqbel li kieku din il-persuna jista jkun xi ħadd mill-Kunsill stess imma s-Segretarju Eżekuttiv infurmat li dan irid ikun diġa Segretarju Eżekuttiv.

2.25 Hija qed tinnonima lis-Sur Ethienne Montford li huwa s-Segretarju tal-Kunsill ta' l-Iklin. Il-Kunsill qabel dwar din in-nommina unanimament.

2.26 Ilment ieħor kien rigward ġlied, vandaliżmu u mġieba ħażina fil-ġnien Ċentru Rikreattiv. Qed ikun hemm ħafna lmenti mingħand residenti fuq xi żgħażagħ li mhux iġibu ruħhom sew. Il-kunsill talab għal għajnuna tal-pulizija bosta drabi u dawn qed jagħmlu mill-aħjar li jistgħu pero issuġġerew li l-kunsill jista jgħin ukoll billi jagħmel aktar dawl u jwaħħal CCTV camera. Nies li ċemplu ssuġġerew li jkun hemm watch man ukoll.

2.27 Il-Kunsill iddiskuta dan l-ilment u s-Sindku nfurmat li kif diġa konna tkellimna mal-kuntrattur tal-ġnien, is-siġar tal-ġnien iridu jinqagħtu baxxi. Trid titneħħa l-konka biex il-kuntrattur ikun jista jidħol bl-inġenji. Is-Sindku qalet li peress dik il-konka diġa miksura, jekk meta ineħħuha tkompli tinkiser, għandha ssir katina minnflokha.

2.28 Hija kompliet tgħid li dawn it-tfal qed jagħmlu ħerba sħiħa fil-ġnien.

2.29 Id-deċiżjoni li l-kunsill ħa hija li ser terġa tinkiteb ittra lis-Supretendent u għandna ngħidulhom eżatt is-sitwazjoni x'inhi u li mhux storbju biss qed jagħmlu u ngħidulu li wara li tkellimna fuq l-e-mail tiegħu, dawn iż-żgħażagħ jistgħu jkunu perikolużi.

2.30 Għandna nistaqsu allura x'azzjoni għandha tittieħed mill-Pulizija fuq dan.

2.31 Is-Sindku qed tisuġerixxi ukoll li peress li tal-Boċċi għandhom

ikelmuha għandha tissuġerilhom biex forsi jagħmlu CCTV camera bħal ma ssuġġerew il-Pulizija. Din għandha ssir fuq il-Club tagħhom biex tgħin u forsi jinqabdu dan iż-żagħżagħ.

2.32 Is-Sindku qalet li jekk jibqa' ma jirnexxilniex inwaqfu lil dawn iż-żagħżagħ ikollna nagħmlu bħal ma għamlu kunsilli oħra u nibdew nagħlqu l-ġnien. Dan skond kif gejna rrakommandati fl-ittra tal-pulizija.

2.33 Il-Kunsilliera qalu li din impossibli li ssir.

2.34 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkelmet fuq il-bżonn li jissaqqew u jinżabru s-siġar tal-Housing Estate.

2.35 Is-Segretarju nfurmat li l-kuntrattur diġa jaf b'dawn ix-xogħolijiet.

2.36 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia resqet ilment minn resident li joqgħod il-Housing Estate li kif tidħol għall-garaxxijiet hemm bir li huwa mgħotti. Hija qed tgħid li kieku l-ilma għat-tisqija tas-siġar tal-Housing Estate jista' jittieħed minn hemm, għandha ssir gradilja pulita.

2.37 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar staqsiet jekk bar jistax joħrog mejda għolja u żgħira u stools fuq il-bankina.

2.38 Is-Segretarju qalet li l-kunsill jagħti permess għal dan fi żmien il-Festa biss.

2.39 Għandu jiġi kkuntatjat is-sid tal-Vilagg fi Triq il-Forn peress li dan qatt ma ġie l-kunsill biex jagħmel permess u jekk jingħata l-permess irid ikun hemm aċċess li dak li jkun, jkun jista' jgħaddi minn fuq il-bankina.

2.40 Request mingħand is-sindku biex jinbidel d-doggy bin f'tal-Mirakli.

2.41 Is-Segretarju resqet fuq il-mejda kwotazjonijiet. Dan id-doggy bin għandu jeħel fi Triq tal-Mirakli. Ġie deċis u għandu jintgħażel l-irħas wieħed u ssir tal-plastic bħal dawk li diġa għandna fir-raħal.

2.42 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qed tagħmel *request* ukoll għal doggy bin ieħor fi Triq il-Maħlut ħdejn l-għelieqi.

2.43 Ġie deċis li l-bin eżistenti li qiegħed ħdejn il-Madonna għandhu jinqala' u jitpoġġa viċin tal-Bus Stop fi Triq Kardinal Ferretti.

2.44 Request mingħand residenta li toqgħod nr 15 Triq il-Maħlut, biex isiru yellow lines quddiem id-dar, għax mhux qed iħallulha spazju biex toħroġ mill-garaxx. Is-Sinjura Gauci imentat ukoll li qed jipparkjaw faċċata tad-dar u mhux qed ikun possibli ddur fit-triq meta toħroġ mill-garaxx, dan għax ma tkunx tista ddawar bejn il-karozza li tipparkja mal-garaxx u dawk li jipparkjaw faċċata.

2.45 Il-Kunsill qabel li għandu jsir one metre yellow lines ħdejn il-garaxx tagħha.

2.46 Is-Segretarju resqet fuq il-mejda tal-Kunsill e-mail mingħand l-ICT Solutions fejn dawn qed jgħidu li s-support tal-verżjoni preżenti tas-Sage pastel Partner waslet fi tmien. Huma qed jissuġġerixxu li jsir upgrade għal Sage Evolution.

2.47 Għandha tiġi kkonsultata l-accountant biex tgħidilna x'inhi l-aħjar u nistaqsu lilha jekk għandix tipprovdi hi din is-software. Għandhom

jinġiebu iktar kwotazjonijiet.

2.48 Għandhom jiġu ukoll konsultati kunsilli oħra tal-madwar biex naraw nkunux nistgħu nġibu kwotazjoni waħda bejn dawn il-kunsilli.

2.49 Is-Segretarju ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill rikjesta għal *reserved parking* ta' residenta fi Triq Annibale Preca.

2.50 Din trid terġa titressaq fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill peress li l-formola trid timtela qabel ma tiġi approvata mill-kunsill.

2.51 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li l-kumitat tal-finanzi kien ser ikollu laqgħa mad-Direttur il-Ġimgħa 16 ta' Settembru f'12.00p.m. fejn ser jiġi diskuss is-sitwazjoni finanzjarja tal-Kunsill.

2.52 Ser jiġi ppreżentat rapport ta' kif il-Kunsill bi ħsiebu jnaqqas id-deficit li għandu fil-preżent.

2.53 Is-Segretarju tkelmet fuq il-laqgħa li trid issir ma' Mr. Michael Cohen fuq affarijiet pendenti mat-TM u fuq affarijiet li ġew irrifjutati mit-TM.

2.54 Ġie deċis li din il-laqgħa ssir nhar l-Erbgħa 28 ta' Settembru 2016 fl-10.45am. Għandu jiġi kkonfermat l-availability tas-Sur Cohen għal din id-data u l-ħin. Għandha tintbagħat request biex jigu eżentati mix-xogħol waqt dak il-ħin peress li huwa mportanti li jattendu.

2.55 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant informa lill-Kunsill li r-refreshing taz-zebra crossing ta' Naxxar Road jista' jsir mill-kuntrattur tal-Kunsill u tħallas it-TM. Dan peress li TM għandhom backlog ta' xogħolijiet.

2.56 Għandha ssir ittra lis-Sur Silvio Scerri tat-TM biex jiġi approvat dan ix-xogħol u Mr Michael Cohen jiġi kkupjat fir-rikjesta.

2.57 Is-Segretarju nfurmat li t-Tender tal-Legal Services ser tinfetaħ fis-26 ta' Settembru, 2016. Irid isir ftehim fuq data biex issir l-adjudication ta' din it-tender.

2.58 Ġie deċis li l-evaluators ghal din it-tender biex tiġi aġġudikata ser ikunu Dr. Marc Sant, is-sur Massimo Scerri, s-Sinjorina Lorraine Farrugia u s-Sindku s-Sinjura Magda Magri Naudi. Din ser issir nhar il-Ħamis 29 ta' Settembru fis-2.00p.m.

2.59 Il-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li r-radiator tal-vann tal-Kunsill għandu l-ħsara u jrid jissewwa. Il-Kunsill qabel unanimament li għandna nieħdu l-vann għand il-mechanic, is-Sur Sario Fenech.

2.60 Residenta qed titlob biex jsir xi ħaġa fi Triq Dun Ġuzepp Tanti kantuniera ma' Triq Salvu Mifsud. Dan għaliex hemmhekk jinżel l-ilma kollu ta' xi tlett toroq u jżomm hemmhekk. Għalhekk qed jkun hemm problema ta' flooding.

2.61 Din il-problema għandha titressaq quddiem il-Perit peress li jrid isir kanal. Din ir-request għandha titniżżel mal-pending requests lil Perit peress li minħabba l-sitwazjoni finanzjarja dawn ix-xogħolijet ma jistawx isiru għalissa.

2.62 Residenta tixtieq li Conception str quddiem il-Psikjatra mal-ħajt tal-ġnien li ma joqgħod ħadd, titwaħħal sign biex ma jitfawx żibel hemm. Din l-istess residenta tixtieq ukoll li fi sqaq numru 1 Triq il-

Kunċizzjoni titwaħħal oħra għax hemm xi ħadd li qed jarmi l-ġlud tal-fniek.

2.63 Il-Kunsill qabel unanaminent ma' l-ewwel request.

2.64 Is-Segretarju ikkomunikat informazjoni lill-Kunsill min kien tefa it-tender u min kien l-awarded tenderer ta' tlett tenders li huma –

**Tender for Street Pavement sweeping, weeding & Cleaning of soft areas, gardens & Playing Fields. Tefghu it-tenders –**

Galea Cleaning Solutions ghal prezz ta' €57.50
Carmelo Gauci ghal prezz ta' €92.95
Innovative Projects ghal prezz ta' €72.00
Owen Borg ghal prezz ta'€63.82
Progressive Solutions ltd. Ghal prezz ta' €191.58
Waste Collection Ltd. l-awarding tat-tenders ghal prezz ta' €110.52
Intaghzel il-Kuntrattur Galea Cleaning Solutions u l-kuntratt il gdid beda fl-10 ta' Settembru 2016

**Tender for the provision of General Architectural Services**

Arc Studio Ltd. - percentage rate 5.8
Perit Daniel Cordina – percentage rate 6.87
Med Developers Designers & Consultants Ltd. – percentage rate 2.85
Design & Technical Resources ltd. – percentage rate – 3.50
Perit Mario Cordina – percentage rate 3.40
Intaghzel il-Perit Med Devlopers Designers & Consultants

**Tender for the Provision of Services, Maintenance & Installation of Traffic Signs, mirrors and Road markings**

Philip Agius & Sons Ltd. ghal prezz ta' €3818.15
Koperattiva Tabelli u Sinjali tat-traffiku ghal prezz ta' €6161.06
Intaghzel Philip Agius & Sons Ltd.
Dan gie decis fit-30 t'Awwissu meta gew agudikati dawn it-tenders.

2.65 Is-Segretarju nfurmat lil Kunsill li kellha laqgħa mal-kuntrattur il-ġdid tal-knis fejn insistiet li l-livell ta' knis jibqa' l-istess kif kien. Il-kenniesa huma minn Hal Lija stess u din għandha tkun ta' vantaġġ.

2.66 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi nfurmat li hija flimkien mas-Segretarju kienet marret 'on site' f' Ta' Senna u residenti talbu biex il-parking isir diagonal.

2.67 Il-kunsill qabel dwar dan u l-ħaddiema tal-Kunsill għandhom jagħmlu dawn ix-xogħolijiet.

2.68 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi, nfurmat ukoll li s-siġar f'

Ta' Senna ukoll ser jinżabru sewwa peress li qed jiġbdu l-wires tad-dawl. Is-siġar għandhom jinżabru b'tali mod li jiġu taħt il-wires. Il-Kuntrattur diġa nfurmat imma għandha tintbagħtlu reminder.

2.69 Is-Segretarju nfurmat li fit-3 t'Ottubru għandhom jiġu iż-żewġ ħaddiema ta' RSS biex jgħinu lill-ħaddiema tal-Kunsill. Huma ser joborxu u jiżbħu l-gazebo u ser jaraw kif ser isewwu l-bankijiet.

2.70 Is-Segretarju nfurmat li l-ħaddiema tal-Kunsill ħarġu bl-idea li l-ħames bankijiet tal-Housing Estate jinxtraw ġodda.

2.71 Il-Kunsill iddiskuta din il-proposta imma iktar jintużaw il-bankijiet tal-ġnien. Problema oħra hija li biex jinxtraw bankijiet ġodda maintenance free, dawn iqumu ħafna flus.

2.72 Is-Segretarju nfurmat li l-Kunsill li ser ikun hemm problema biex jinqala l-injam mill-bankijiet u jitpoġġew f'bankijiet oħra anke għal fatt li ħafna minnu diġa tmermer.

2.73 Irid jiġi iċċekjat il-prezz ta' l-injam għal bankijiet u naraw mastrudaxxa kemm joħdilna biex isewwi dawn il-bankijiet.

2.74 Il-Minority Leader, Dr. Marc Sant tkellem fuq e-mail li kienet waslet fil-kunsill biex jintuża l-five-a-side pitch għall-fitness.

2.75 Is-Sindku sosnitet li dak il-ground tal-football suppost irid jintuża għal tfal taħt it-12 il-sena u ma jiflaħx għal ċertu strapazz anke għal periklu tiegħu.

2.76 Għandha nistaqsu għal iktar informazjoni x'tip ta' fitness ser isir u anke x'etajiet ser ikollha u min ser juża dan il-ground anke ukoll nistaqsu fi x'ħin ser tiftaħ u tagħlaq.

2.77 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li hija nfurmat li dan il-ground irid jintuża *at a charge*.

## 3. KOMUNIKAZZJONI MINGĦAND IS-SINDKU

3.1 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi tkelmet fuq il-laqgħa tar-Reġjun Ċentru li hija kienet attendiet il-ġurnata ta' qabel.

3.2 Hija tkelmet fuq il-mobile toilets li kienu ser isiru f'xi postijiet. Hija kompliet tgħid li għalissa din mhux fissa għax kull ma kellhom huma tlett toilets biss.

3.3 Dawk il-kunsilli li ma għandhomx bżonn mobile toilets, fil-laqgħa li jmiss tar-Reġjun, ser jiġi diskuss jekk għandhomx jingħataw fondi minnflok it-toilets.

3.4 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi nfurmat lil Kunsill li fondi lill-Kunsilli mhumiex ser jitħallsu mir-Reġjun peress li l-LESA għadha qed tħallas lir-Reġjun l-ispejjes ta' l-amministrazjoni.

3.5 Fil-laqgħa li jmiss tar-reġjun ser jiġi deċis kemm ser tkun is-somma li ser titħallas *over and above*.

3.6 Fi Triq Massimiliano Debono faċċata ta' villa Ogirra hemm kurduna ta' bankina li hija mkisra minn żewg naħat.

3.7 Il-Kunsill approva li jsir rampi (slopes) fuq żewġ naħat tal-bankina. Dan għandu jsir mill-ħaddiema tal-kunsill.

3.8 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi filwaqt li ferħet lil tal-Boċċi Club għal league li rebħu qed tissueġġerixxi li bħala Kunsill tingħata Plakka ta' awguri bħal ma nagħmlu f'Ġieħ Ħal Lija.

3.9 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 4. APPROVAZJONI TA' L-ISKEDA TAL-PAGAMENTI U APPROVAZJONI TAL-PETTY CASH

4.1 Is-Segretarju resqet fuq il-mejda tal-Kunsill l-iskeda tal-pagamenti u tal-Petty Cash.

4.2 Il-Minority Leader, Dr. Marc Sant u s-Sinjorina Lorraine Farrugia ma approvawx il-pagamenti tal- Waste Collecton Ltd.

4.3 Fuq proposta tas-Sinjorina Stephanie Cutajar sekondat mis-Sur Massimo Scerri l-iskeda tal-ħlasijiet flimkien ma' tal-petty cash ġew approvati.

4.4 Il-ħin issa huwa 07.45p.m. u s-Sinjorina Stephanie Cutajar ħarġet mill-kamra.

## 5. KOMUNIKAZZJONI MINGĦAND IL-KUNSILLIERA

6.1 Is-Sur Massimo Scerri ressaq ilment ta' resident li qed jgħid kien ipparkjat tajjeb fi Triq il-Forn imma qala ċitazjoni.

6.2 Is-Segretarju nfurmat li l-proċedura hija li jew jikteb lill-Bord tal-Petizjonijiet jew jitla' t-tribunal. Il-kunsill f'dan il-każ ma' jista jagħmel xejn.

6.3 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkelmet fuq il-windmill cottage ta' Annibale Preca.

6.4 Il-Minority Leader spjega li deċizjoni kienet ittieħdet u s'issa ser jagħmlu l-pjanti.

6.5 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia spjegat lill-Kunsill li hemm il-Mitħna

hemm bieb wieħed, imma jrid jiġi ċċekjat jekk mhux ser isiru żewġ bibien. Hija qalet ukoll li f'dik it-triq hemm bozza mill-antiki nett u li bħalissa tista toqtol u tidfen bid-dlam li hemm. Hemm bżonn li l-bozza terġa titwaħħal.

6.6 Is-Sindku qalet li nġibdet l-attenzjoni li l-Planning Authority bagħtu notice fuq Triq Mario Agius. Għandu jiġi ċċekkjat dwar dan.

6.7 Is-Sindku tkelmet fuq il-Birgu Fest li din is-sena ser issr fit 8, 9 t'Ottubru 2016. Qed tissueġġerixxi li jiġi organizzat trasport is-Sibt 8 t'Ottubru u tiġi mħallsa kollha mir-residenti. Tluq għal Birgu fis-7.30p.m.

6.8 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant qed jissuġġerixxi li jsir l-istess għall-attivita ta' Notte Bianca, is-Sibt 1 t'Ottubru 2016.

6.9 Ġie deċis li kemm il-darba ma jattendux parteċipanti u l-private ma timtelix, l-attivita titħassar.

6.10 Is-Segretarju nfurmat li l-Kunsill qed jieħu l-ismijiet ta' dawk in-nies li jixtiequ jinkitbu għal immunisation ta' l-influenza.

6.11 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant staqsa fuq il-kuntrattur li qed jaħdem go Villa Gourgion. Irid jiġi ċċekjat jekk dan mhux qed jagħmel permessi kif suppost peress li l-kuntrattur qed ittajjar ħafna trab.

6.12 Il-Minority Leader Dr. Marc Sant staqsa jekk il-kuntrattur li qed jaħdem fuq il-construction li qed issir f'Bakery Street mhux inaddaf.

6.13 Is-Segretarju nfurmat li hija kienet tkelmet mas-sid ta' din il-binja u kienet aċċertata li tindif qed isir. Għandu jerġa jiġi ċċekkjat dwar dan.

6.14 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li fi Triq Kardinal Ferretti hemm għalqa li ma għandix boundary wall. Din qiegħda int u dieħla Annibale Preca meta taqbeż is-substation. Irid jittieħed ritratt u jintbagħat lil Pulizija biex jiġi dentifikat is-sid ta' din l-għalqa u bil-liġi jrid itella boundary wall. Il-liġi tgħid li l-għalqa tista tittieħed lis-sid jekk ma jkollix boundary wall.

6.15 Il-Kunsill tkellem fuq il-performance tal-Kuntrattur tal-knis.

6.16 Il-Kuntrattur sejjer mhux ħazin, għandhom ħafna xogħol u hemm bżonn li jirsistu iktar.

6.17 Il-Minority leader Dr. Marc Sant staqsa fuq l-email li huwa kien bagħat fuq is-siġar fil-ġnien, dawk li qed jgħollu l-madum.

6.18 Is-Sindku u s-Segretarju kkonfermaw li l-Kuntrattur tal-ġonna barra li ser jiżbor is-siġar huwa ukoll ta' l-idea li tiżdied il-ħamrija u jsir railing ikbar.

6.19 Ġie deċis li għandna nistaqsu lil kuntrattur kemm tkun l-ispiża ta' dawn ix-xogħolijet minħabba l-problema tal-finanzi.

6.20 Is-Segretarju nfurmat li l-parking white line f'Ta' Senna sar u anke sar l-line tan-nofs.

6.21 Is-Sindku qalet li kienet ġiet aviċinata minn studenta li qed tagħmel kors fuq is-smiegħ. Hija xtaqet li jkollha kamra fejn tkun tista' tiċċekja lil dawn in-nies li għandhom problema tas-smiegħ.

6.22 Is-Sindku ssuġġerit li Tabor ta' Villa Lija jkun post addadat.Din l-istudenta xorta waħda xtaqet toħroġ il-flyer bl-isem tal-Kunsill għalhekk bagħtnilha l-logo tal-Kunsill.

6.23 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia nfurmat lil Kunsill li semgħat li kienu nħarġu xi fondi fuq il-librerija pubblika.

6.24 Hija tixtieq li ngħaddula korrispondenza li għandna fuq il-librerija pubblika biex tkun tista twitti t-triq.

## 7. TMIEM

7.1 Ġie deċis li l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss tkun nhar it-Tlieta 18 ta' Ottubru 2016 fil-5.00p.m.

Is-Seduta intemmet f'20.15 hrs b'mod unanimnu.

**IFFIRMATA**

***Magda Magri Naudi***
*Sindku*

**IFFIRMATA**

***Georgette Borg***
*Segretarju Eżekuttiv*

Data: ***[data]***